**Parlament Ewropew**

2014 - 2019

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2014/0259(NLE)**

27.5.2015

***

# ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-politika soċjali (06732/2015 – C8-0079/2015 – 2014/0259(NLE))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Patrick Le Hyaric



*Magħquda fid-diversità*

***Tifsira tas-simboli użati***

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW ..........5

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA ..........6

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-politika soċjali**
**(06732/2015 – C8-0079/2015 – 2014/0259(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-inizjattiva ta' grupp ta' Stati Membri (06732/2015),

– wara li kkunsidra t-talba għall-approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 153(2), b'rabta mal-Artikolu 153(1)(a) u (b), l-Artikolu 218(6)(2a)(v) u l-Artikolu 218(8) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0079/2015),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1), l-ewwel u t-tielet paragrafi, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A8-0000/2015),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ix-xogħol furzat huwa ksur tad-drittijiet tal-bniedem u reat kontra d-dinjità ta' miljuni ta' nisa, irġiel, bniet u subien.

Il-ġlieda kontra din il-forma ta' sfruttament, fil-forma l-aktar vjolenti tagħha, hija l-bażi ta' movimenti kbar ta' emanċipazzjoni politiċi u filosofiċi. Fix-xewqa li teħles lill-bnedmin minn katina ta' dominanza politika, kulturali u dipendenza materjali, il-ġlieda emanċipatorja dejjem attakkat ix-xogħol servili li jipprojbixxi l-ftuħ ta' drittijiet oħrajn.

Minkejja dan, fil-21 seklu x-xogħol furzat jikkonċerna 21 miljun persuna, ilkoll vittmi ta' sfruttament li jiġġenera dħul ta' $ 150 biljun fis-sena għal dawk li jorganizzawh u jissorveljawh.

Mal-forom tradizzjonali ta' sfruttament ibbażati fuq ir-restrizzjoni fiżika jew materjali, hemm ukoll dawk ġodda, l-aktar fil-pajjiżi għonja u kultant minkejja l-eżistenza ta' stat tad-dritt. Aktar sottili u insidjużi iżda daqstant vjolenti, huma dawk ibbażati fuq it-tama. Huma jaffettwaw lill-irġiel, lin-nisa u lit-tfal li jixtiequ joħorġu mill-kundizzjonijiet li jkunu jinsabu fihom u jkunu bdew bidla f'ħajjithom biex jiksbu dan.

Għalkemm l-iskjavitù minħabba d-dejn uffiċjalment ma teżistix aktar fil-kontinent Ewropew, 880,000 persuna fl-Unjoni Ewropea, u 1,6 miljun fil-kontinent kollu jsofru minn dawn il-forom ġodda ta' xogħol furzat. L-irġiel u n-nisa li lilhom kien offrut impjieg barra l-pajjiż isibu lilhom infushom maqbuda minn min suppost qed iħaddimhom, il-migranti mit-traffikanti tagħhom, u tfal magħmula vulnerabbli minħabba l-qlugħ mill-għeruq tagħhom.

L-aktar popolazzjonijiet vulnerabbli, in-nisa, it-tfal, il-migranti, huma dawk li fuqhom jiġu imposti l-agħar kompiti u kundizzjonijiet: li jipprostitwixxu rwieħhom, li jittalbu, u li jagħmlu x-xogħol l-aktar iebes u l-aktar degradanti. Mal-vjolenza tal-isfruttament hemm ukoll il-vjolenza fiżika, l-aggressjoni psikoloġika kostanti, il-biża' u l-iżolament.

Dawn il-forom ġodda ta' skjavitù u ta' sfruttament, bħal fil-qedem, għandhom jinqerdu bis-saħħa tal-liġi u ta' azzjonijiet determinati sabiex jinfurzaw il-liġi. Dan huwa l-għan tal-Protokoll tal-2014 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol b'rabta mal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat tal-1930 li dwaru tittratta din ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali tal-Parlament Ewropew.

**Il-Protokoll**

Il-Protokoll tal-2014 tal-ILO għall-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat tal-1930 jaġġorna lil din il-Konvenzjoni u jagħtiha għodod ġodda għall-ġlieda kontra x-xogħol furzat u jagħtiha karattru li jorbot legalment.

Meta jitqies il-fatt li "l-kuntest u l-forom tax-xogħol furzat inbidlu", il-Protokoll iqis bħala "meħtieġa" il-miżuri ta' prevenzjoni, protezzjoni, tad-dħul fis-seħħ tal-mekkaniżmi ta' rikors u tiswija, bħall-kumpens u r-riparazzjoni għall-ħsara materjali u fiżika. Huwa jappella wkoll għat-tisħiħ tar-riżorsi u tal-koperazzjoni bejn l-istati fil-ġlieda kontra l-forom kontemporanji tal-iskjavitù, filwaqt li jagħraf il-karattru dejjem aktar internazzjonali tagħhom.

Id-dispożizzjonijiet tal-protokoll issaħħu l-qafas legali internazzjonali billi jistabbilixxu l-obbligu li jitrażżan ix-xogħol furzat u li tiġi żgurata l-protezzjoni lill-vittmi u aċċess għall-mekkaniżmi ta' rimedju, bħalma huwa l-kumpens.

L-Artikoli 1 u 6 jitolbu lill-Istati Membri tal-ILO jiżviluppaw politika nazzjonali u pjan ta' azzjoni nazzjonali għall-eliminazzjoni effettiva u sostenibbli tax-xogħol furzat u biex jieħdu miżuri biex jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll, wara li ssir konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-ħaddiema.

L-Artikolu 2 jistabbilixxi l-passi li l-Istati Membri tal-ILO għandhom jieħdu sabiex jipprevjenu x-xogħol furzat:

- l-edukazzjoni u l-informazzjoni tal-persuni, speċjalment dawk meqjusa partikolarment vulnerabbli, kif ukoll dawk li jħaddmu;
- sforzi biex jiżguraw li l-kamp ta' applikazzjoni u l-kontroll tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar il-prevenzjoni tax-xogħol furzat, ikopru l-ħaddiema u s-setturi kollha tal-ekonomija u li s-servizzi tal-ispezzjonijiet tax-xogħol jissaħħu;
- il-protezzjoni tal-persuni, speċjalment tal-ħaddiema migranti, mill-abbużi possibbli u prattiki frodulenti fil-proċess ta' reklutaġġ u tħaddim;
- appoġġ għad-diliġenza dovuta li tagħha jridu jagħtu prova s-setturi pubbliċi u privati; u
- azzjoni kontra l-kawżi profondi li jkabbru r-riskju tax-xogħol furzat.

Fir-rigward tal-vittmi tax-xogħol furzat, l-Artikolu 3 jipprovdi li jittieħdu miżuri effettivi biex jiġu identifikati, meħlusa u protetti u sabiex ikunu jistgħu jirkupraw jirriabilitaw ruħhom, kif ukoll jingħataw lilhom għajnuna u appoġġ f'forom oħra.

L-Artikolu 4 jirrikjedi li l-Istati Membri tal-ILO jiżguraw li l-vittmi kollha jkollhom aċċess għal mekkaniżmi ta' rikors u rimedju, bħall-kumpens, u li l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux rikjesti li jtellgħu lill-vittmi l-qorti minħabba s-sehem tagħhom f'attivitajiet illegali li kienu mġiegħla jwettqu.

L-Artikolu 5 jipprovdi għal kooperazzjoni internazzjonali għall-prevenzjoni u l-qerda tax-xogħol furzat u l-Artikolu 7 jħassar id-dispożizzjonijiet tranżitorji mill-Konvenzjoni.

**Il-konsistenza mal-politiki u l-objettivi oħra tal-UE**

Fil-liġi primarja tagħha, l-UE għandha mniżżla l-projbizzjoni tax-xogħol furzat billi ħadet mill-Karta tad-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-ħaddiema iżda wkoll il-Karta Soċjali Ewropea tal-Kunsill tal-Ewropa fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE[1].

Għalkemm l-UE għadha ma aderixxietx għall-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tal-UE diġà bbażat ruħha fuq dan id-dokument li l-Artikolu 4 tiegħu jipprojbixxi l-iskjavitù u x-xogħol furzat.

Għalhekk, l-istrateġiji tal-UE għandhom jagħmlu sforz biex jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem

[1] TFUE, Titolu 10 — Politika soċjali

u x-xogħol deċenti, jippromwovuhom, u jeqirdu t-traffikar tal-bnedmin, kemm ġewwa kif ukoll 'il barra mill-fruntieri tagħha.

**Il-pożizzjoni tar-rapporteur**

Id-drittijiet tax-xogħol jirrappreżentaw wieħed mill-pilastri ewlenin tax-xogħol deċenti u jipprovdu l-istrument ewlieni fil-ġlieda kontra l-isfruttament tax-xogħol. Għalhekk kwalunkwe devjazzjoni minn dawn id-drittijiet, l-evażjoni permezz ta' politiki oħra bħalma huma l-libertà tal-moviment, jew pressjonijiet politiċi għar-riforma tad-drittijiet tax-xogħol fis-sens ta' tnaqqis tal-istandards normali oriġinali jmorru kontra l-applikazzjoni l-aktar wiesgħa tal-istandards tax-xogħol deċenti.

Għal dan l-għan, l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-ippustjar tal-Ħaddiema hija sors ta' tħassib peress li tista' toħloq lakuna ġuridika de facto u tippermetti lill-impriżi jagħlqu għajnejhom, jew saħansitra tħeġġeġ, permezz tal-katina ta' sottokuntrattar, li jinkisru r-regoli, ir-rekwiżiti minimi u l-prattiki fis-seħħ. l-ispetturi nazzjonali tax-xogħol ma jistgħux jindirizzaw kif xieraq il-każijiet transnazzjonali li jaqgħu taħt din id-Direttiva li għalihom l-il-konsegwenzi kollha, inklużi dawk f'forma ta' xogħol furzat, huma possibbli. Madankollu, l-Artikolu 2 tal-Protokoll jitlob tisħiħ tas-servizzi tal-ispettorat tax-xogħol biex tiġi applikata l-leġiżlazzjoni dwar ix-xogħol.

Il-protokoll jitlob lill-gvernijiet jieħdu miżuri sabiex il-ħaddiema, speċjalment il-ħaddiema migranti, jitħarsu aħjar minn prattiki abbużivi u frodulenti. Dan ma jistax isir bil-mod xieraq mingħajr ma jkun hemm tisħiħ reali tal-infurzar tal-liġi tax-xogħol, u mingħajr l-affermazzjoni ċara u mingħajr ambigwità li din tipprevali, l-istess bħad-dritt għall-azzjoni kollettiva, għall-moviment liberu u għall-kompetizzjoni. Ir-ratifika ta' din il-Konvenzjoni għandha għalhekk tiġi akkumpanjata minn riflessjoni dwar l-impatt tal-politiki Ewropej fuq il-liġi tax-xogħol.

L-aspett l-ieħor enfasizzat minn dan il-Protokoll għall-protezzjoni tal-bnedmin mix-xogħol furzat jikkonċerna il-prevenzjoni u r-riparazzjoni tad-danni.

Il-prevenzjoni ma tistax tkun effikaċi għajr jekk l-immigrazzjoni irregolari ma tibqax stigmatizzata u tingħata trattament umanista. Il-migranti, partikolarment in-nisa, sikwit huma l-ewwel vittmi tax-xogħol furzat, u l-penalizzazzjoni tal-istatus ġuridiku tagħhom, jekk ma jkunx regolari, jew tal-attività li jkunu mġiegħla jagħmlu (2/3 tal-$150 biljun fi profitti mix-xogħol furzat jiġu mill-isfruttament sesswali) jbiegħedhom mill-istrutturi ġuridiċi li jkunu jistgħu jagħtu valur lid-drittijiet tagħhom.

Għalhekk huwa importanti li dawn il-persuni jinħarġu mill-iżolament li fih huma kostretti minn min qed jisfruttahom u mis-sistemi legali wisq ripressivi fil-konfront tal-migrazzjoni irregolari.

Għandha ssir riflessjoni verament Ewropea madwar il-fatturi ta' riskju definiti mill-ILO fl-aħħar rapport tagħha dwar ix-xogħol furzat[1] li jimbuttaw lill-individwi lejn ix-xogħol furzat: it-telf tad-dħul u l-faqar, il-vulnerabbiltà relatata man-nuqqas ta' edukazzjoni, mal-

[1] "Il-profitti u l-faqar: L-ekonomija tax-xogħol furzat"

illitterizmu, il-popolazzjonijiet vulnerabbli (in-nisa, it-tfal migranti). L-istrateġija Ewropea għall-ġlieda kontra l-faqar għandha tmur ferm lil hinn minn sempliċi koordinazzjoni ta' azzjonijiet nazzjonali, u tistabbilixxi objettivi vinkolanti għat-tnaqqis tal-faqar, u tintegra l-kliem tal-preambolu tal-Protokoll li jgħidu li "x-xogħol furzat jikkontribwixxi sabiex jissokta l-faqar u jxekkel it-twettiq ta' xogħol deċenti għal kulħadd".

Ir-rimedju għad-dannu jixħet f'diskussjoni r-responsabbiltà ta' min iħaddem, iżda għandha wkoll tenfasizza r-responsabilità tal-kuntrattur sabiex jiġi evitat li jkun hemm dilwizzjoni tar-responsabbiltà fil-katina tas-sottokuntrattar.

Fl-aħħar nett, l-UE ma tistax tkun forza għall-progress jekk hija tillimitah għall-fruntieri tagħha u tissuġġettah għar-rekwiżiti tal-kompetizzjoni internazzjonali. Id-diplomazija Ewropea, kif ukoll il-politika tal-kummerċ, għandhom ikunu ħafna aktar iddeterminati fl-approċċi tagħhom fil-konfront ta' pajjiżi terzi li jduru mal-Konvenzjoni tal-ILO dwar ix-xogħol furzat tal-1930 u l-Protokoll tiegħu tal-2014.

Mis-seftura Filippina iżolata u sfruttata fl-Ewropa, sal-ħaddiema li jibnu l-istedjums tat-Tazza tad-Dinja fil-Qatar, mid-drama tat-tħaddim tat-tfal u l-vjolenza tal-isfruttament sesswali, l-istess loġika u netwerks kriminali għadhom fis-seħħ u ma jistgħux jiġu tollerati aktar.

Għaldaqstant ir-rapporteur jipproponi li tingħata l-approvazzjoni għall-proposta ta' deċiżjoni tal-Kunsill.